**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 2992/2016 fl-ismijiet:**

**Rikors numru: 299/2016 CFF**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054)**
**f'isimha propju u ghan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma**
**Vs**
**Concetta Avallone (717051M)**
**bhala eredi ta' Mary Gatt (484111M)**

**Illum 13 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ta' Concetta Avallone** (717051M) bhala eredi ta' Mary Gatt (484111M) fejn esponiet:

Illi l-esponenti irceviet ittra ufficjali datata 30 ta' Novembru 2016 li permezz taghha l-intimat qed jesigi mir-rikorrenti l-hals ta' tmien t'elef mitejn disa' u tletin ewro punt wiehed u disghin centezmu (€8,239.91) allegatament dovuti bhala servizzi konsum, kirjiet, spejjez amministrattivi, *connection* u *disconnection fees*, flimkien ma' imghax dovut fuq il-kont numru 101000206895 fil-fond numru 53, Triq Antonio Bosio, l-Imsida u din il-pretenzjoni saret ai termini tal-Artikolu 446 tal-Kapitolu 12.

Illi l-esponenti qed tipprevalixxi ruhha mill-beneficcju lilha moghti permezz tal-Artikolu 466 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jridu li topponi l-imsemmija talba ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi preliminarjament l-pretenzjoni tal-intimat hekk kif kontenuta fl-ittra ufficjali at-30 ta' Novembru 2016 hija preskritta ghal dak li jirrigwardja t-talba ghall-hlas u dan ai temini tal-Aritkolu 2156(f) tal-Kapitolu 16;

2. Illi preliminarjament u bla pregudizzju l-gudizzju mhux integru peress li l-esponenti mhix l-unika werrita tad-defunta Mary Gatt imma hemm hutha ulied l-istess Mary Gatt ossija Joseph Gatt, Rose Hili, John Gatt, Mario Gatt u Charles Gatt li ma gewx inkluzi fl-imsemmija ittra ufficjali;

3. Illi fil-mertu u bla preguduzzju ghal dak fuq espost il-pretenzjoni tal-intimat hekk kif kontenuta fl-ittra ufficjali tat-30 ta' Novembru 2016 hija in fondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li l-

fond imsemmi ilu mhux propjeta' taghhom ghal aktar minn hames snin u llum il-gurnata il-fond huwa demolit u minnflok hemm binja gdida;

4. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghal dak fuq espost Mary Gatt halliet lil din id-dinja f'Marzu tal-1999 u dejjem hallset il-kontijiet taghha u qatt ma nghatat struzzjoni biex ikun hemm *connection* jew *disconnection*;

5. Illi *dato ma non concesso* illi l-ammont *de quo* m'hu bl-ebda dovut skont il-ligi;

6. Illi bla ebda pregudizzju l-intimat irid igib prova skont il-Ligi ta' kif wasal ghall-ammont minnu pretiz li huwa certament eccessiv di fatti qatt ma wasal kont bil-kontra ta' dak iddikjarat;

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-talba kontenuta fl-ittra ufficjali u fl-avviz maghha nness hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt;

8. Salv jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qieghda bil-qima titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tal-intimat bhala wahda infondata. Bl-ispejjez u b'riserva ghall-kull azzjoni talvolta spettanti lill-esponenti skont il-Ligi.

Rat **ir-risposta tal-Automated Revenue Management Services Limited** fejn esponiet:

1. Illi l-kont numru 101000206895 jirreferi ghas-servizzi fil-fond 53, Triq Antonio Bosio, Msida registrat f'isem id-defunta Mary Gatt u baqa' hekk registrat sakemm kienet l-istess socjeta' esponenti li skopriet li l-imsemmija Mary Gatt kienet mietet

2. Illi s-socjeta' esponenti qatt ma giet infurmata kemm li giet nieqsa Mary Gatt u lanqas li l-fond fuq imsemmi kien gie demolit u ghalhekk l-istess kont baqa' attiv u fuqu baqghu johorgu l-kontijiet.

3. Illi kienet l-istess socjeta' esponenti li wara vertifika il-post li sabet li l-*meters* in kwistjoni kienu nieqsa u ghalhekk iccargjat fuq il-kont is-somma ta' €1,500.00 ghal kull *meter*, kif jipprovdu r-regolamenti ghas-servizzi tal-ilma u dawl.

4. Illi tali spezzjoni saret fl-2013 u ghalhekk l-ammonti gew debitati fuq il-kont sussegwentament u ghalhekk ferm anqas minn 5 snin ilu u allura zgur ma humiex preskritti kif qed jigi ececpti fir-rikors taghha l-imsemmija Concetta Avallone.

5. Illi l-esponenti saret taf biss bis-Sinjura Concetta Avallone bhal eredi tad-defuna Mary Gatta u kien ghalhekk li pprocediet kontra taghha, biss.

6. Illi in vista ta' dak dikjarat, u cioe' fejn gew elenkati l-eredi kollha ta' Mary Gatt, l-esponenti tixtieq li, biex il-gudizzju jkun integru, li l-eredi kollha l-ohra jigu kjamati in kawza.

7. Illi ghaldaqstant u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-Socjeta' esponenti pro et nomine;
    i. Titlob li din il-Qorti tordna li jigu kjamati l-eredi l-ohra u cioe' Joseph, John, Mario, Charles u Rose Hili, ahwa Gatt, u

ii. Titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-itra ufficcjali numru 2992/2016 pprezentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti u kontra l-kjamanti, jekk l-istess jigu ordnati minn dina l-Qorti jidhru bhala kjamati f'din il-procedura.

Ikkunsidrat:

**Reuben Bonnici**, rapprezentant tal-ARMS, ipprezenta *statement* kemm ilhom bhala ARMS.

Rega' xehed Reuben Bonnici, fejn ipprezenta kopja ta' *statements* bil-Liri Malta u hrajna bil-*euros*.

**Concetta Avallone** tghid li ommha, Mary Gatt, mietet fl-1 ta' Marzu 1999 u li l-fond fejn kienet toqghod inbiegh, waqa' u nbnew appartamenti, fejn hija pprezentat zewg kuntratti.

Regghet xehdet Concetta Avallone fejn stqarret li l-post kien vojt qabel ma' mietet ommha ghax din kienet toqghod maghha u li hi qatt ma kienet rat kontijiet u lanqas hallset kontijiet. Hija ziedet tghid li hadd ma kien talabha biex isir trasferiment tal-*meter* u kkonfermat li l-*meters* li kien hemm kienu qalghuhom is-sidien tal-blokka l-gdida u li qatt ma rceviet karti mill-Qorti.

Rega' xehed **Reuben Bonnici** fejn meta mistoqsi kkonferma li ma kellux informazzjoni fuq jekk giex installat *meter* iehor fl-istess sit minn persuna ohra. Huwa zid jghid li l-ahhar kont li hareg kien sat-3 ta' Frar 2012, meta inghalaq il-kont, u li dan kien intbaghat fis-16 ta' Ottubru 2013 fl-indirizz 53, Triq Antonio Bosio, l-Imsida. Meta mistoqsi huwa wiegeb li ma jkunx jekk sit gietx zvillupata jew ghadiex tezisti.

Permezz ta' affidavit, Reuben Bonnici ikkoferma li fir-*records* tal-ARMS Ltd ma kienx hemm ittri ufficjali ohra minbarra dik li tat lok ghall-proceduri odjerni u li effettivament hemm servizzi tad-dawl u ilma godda registrati fuq terzi fl-indirizz tal-propjeta' mertu ta' din il-kawza.

Rega' xehed **Reuben Bonnici** fejn stqarr li fis-sit kienu infethu tliet kontijiet, tliet meters: wiehed komun, wiehed *flat* 1 u *flat* 2, u li kienu nfethu fis-27 ta' Mejju 2010 fuq terz.

Semghet it-trattazjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**
Illi jirrizulta li r-rikorrenti kienet bieghet il-propjeta taghha li tinsab gewwa l-Imsida wara li kienet wirtet din il-propjeta' wara l-mewt ta' omma fis-sena 2007 skont il-kuntratt ta' bejgh li hija stess esebiet. Kien biss fit-30 ta' Novembru 2016 li hija giet infurmata b'permezz ta' ittra ufficcjali sabiex thallas il-kontijiet pendenti inkluz multi. Illi gara li dan il-kont bin-numru 101000206895 kien gie maghluq izda ebda hlas ta' kontijiet ma kien sar. Illi wara li kien inghalaq u d-dar in kwistjoni kienet giet demolita, kienu saru applikazzjonijiet ohrajn ghal meters ohra. Illi dan il-meter tar-residenza tar-rikorrenti qatt ma kien hemm talba sabiex jitnehha jew inkella trasferit fuq haddiehor anki meta kien sar il-bejgh tieghu.

**Il-Preskrizzjoni**
Illi r-rikorrenti qajmet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u dan taht dak li hemm fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi sabiex r-rikorrenti tipprova l-kaz taghha dwar dan il-fatt intalab jigu esebiti ittri ufficjali ohrajn. Illi fil-fatt hareg li l-unika ittra ufficcjali li kienet inbghatet kienet dik tat-30 ta' Novembru 2016. Illi r-rikorrenti ghalhekk qajmet din l-eccezzjoni sabiex tghid li l-ammont ma kienx dovut jew

almenu in parti ghaliex mill-ewwel kontijiet kienu ghaddew aktar minn hames snin u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tara din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat**
Il-preskrizzjonijiet eccepita mill-attrici hija s-segwenti l-artikoli 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa wkoll fatt li meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eccepita ma tkunx applikabbli ghal kaz in ezami, mhux il-kompitu taghha li toqghod tindaga u tara hija stess liema hija l-preskrizzjoni li taqa' fiha din l-azzjoni. Il-Qorti hija marbuta taht dak li jghid l-artikolu 2111 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata. Illi pero fi kwalunkwe kaz il-preskrizzjoni msemmija taht l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik ta' hames snin.

Illi f'dan il-kaz l-istess socjeta' konvenuta opponiet ghal kwistjoni tal-preskrizzjoni. Sejra ssir referenza ghal kawza fl-ismijiet **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello**, deciza fit-13 ta' Marzu 2009 intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:-

> "*Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza illi meta tigi opposta l-preskrizzjoni l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn izjed hlief id-dekorriment taz-zmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-preskrizzjoni ma kienetx ammissibbli ghall-fattispeci tal-kawza, jew, alternattivament, jekk applikabbli, li dik l-istess preskrizzjoni giet sospiza jew interrotta. Jinzel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan:-*
> *(1) Ir-ricerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti, jew xi wahda minnhom, kienux jew le opponibbli ghat-talba;*
> *(2) F'kaz ta' applikabilita` ta' xi wahda minnhom, jekk il-perijodu preskrittiv giex interrott ghal motiv dedott mis-socjeta` attrici;*
> *(3) Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat.*"

Illi wara li gie determinat taht liema artikolu tal-Ligi l-azzjoni tista' tkun preskritta issa irid jigi kkunsidrat jekk ir-rikorrent bhala l-eccipjent tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz, tax effett lill-preskrizzjoni minnu eccepita billi segwa l-procedura rikjesta *ad validitatem* mill-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Illum dan l-Artikolu jistipola illi:-

> *(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, **2156** (enfazi tal-Qorti) u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

L-imsemmi l-Artikolu 2160 kif emendat bis-sahha tal-emendi introdotti bl-Att I tal-2017 u immedjatament wara, bl-Att VIII tal-2017. Illi din il-kawza gie intavolata fis-6 ta' Dicembru 2016 fejn l-Att I dahal fis-sehh nhar it-13 ta' Jannar 2017 u l-Att VII tal-2017 dahal fis-sehh nhar l-24 ta' Frar 2017. Illi ghalhekk dawn l-emendi kienu gahdhom ma dahlux fis-sehh meta giet intavolata din il-kawza. Illi kif gie ritenut fis-sentenza ricenti fl-ismijiet **P&S Limited et vs Noel Zammit et**, deciza fis-16 ta' Frar 2018 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn gie trattat l-emendi li saru fl-Artikolu 2160:-

> *"… l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili."*

Illi wkoll fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fid-decizjoni **Bottega del Marmista Ltd vs. Paul Mifsud et** (App Civ 286/2015) moghtija fis-26 ta' Jannar 2018 gie enfasizzat li:-

> *"Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom. Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda talartikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu."*

Illi ghalhekk f'dan il-kaz l-applikazzjoni tal-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta japplika minhabba li dawn il-proceduri sehhew wara li dahal fis-sehh il-procedura msemmija fl-artikolu 2160 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi madankollu, il-Qorti hija marbuta li tapplika dak li hemm fil-Ligi u mix-xiehda tal-istess rikorrenti ma hemm xejn bhala indikazzjoni li hija bil-gurament li r-rikorrenti mhux debitrici. Illi l-istess attrici fix-xhieda taghha ghamlet referenza biss li hija qatt ma rceviet dokumenti jew kontijiet. Huwa minnhu li hija qalet li qatt ma halset u ghalhekk dan il-kliem biss ma jfissirx li hija ma halsitx ghax ma kienux dovuti. Illi ghalhekk l-eccezzjoni tar-rikorrenti dwar il-prekrizzjoni ma tistax tirnexxi inkwantu fl-ebda hin ma r-rikorrent iddikjarat bil-gurament taghha illi mhiex debitrici jew li ma tiftakarx jekk hallsitx il-kontijiet tal-ARMS skont ma' jitlob l-Artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili, hekk kif emendat.

Illi ghalhekk il-Qorti wara li rat dak li hemm fl-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tilqa' t-talba tal-preskrizzjoni.

**Mertu**

Illi r-rikorrenti ssostni li hija qatt ma rceviet xi kont jew xi informazzjoni ohra rigward il-meter li kien installat fil-propjeta' li kienet ta' ommha. Illi wkoll qalet li qatt ma kien hemm talba sabiex jigi trasferit dan il-meter fuq haddiehor. Hija kienet bieghet l-istess propjeta' fejn kien il-meter u illum il-gurnata twahhlu meters ohrajn fuq isem haddiehor minhabba li din ir-residenza giet demolita u minfloka hemm propjeta' ohra. Illi mill-provi prodotti hareg b'mod car li lanqas fil-kuntratt ta' bejgh ta' din il-propjeta' ma hemm imnizzel ghal xi talba dwar trasferimenti tal-arloggi tas-servizzi tad-dawl u l-ilma. Illi kien biss wara li telghet tixhed fil-mori ta' dawn il-proceduri li semmiet li giet infurmata li l-arloggi kienu tnehhew fejn wara kien gie konfermat mir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta ARMS Ltd, li l-kont kien inghalaq u twahhlu meters ohrajn fil-propjeta' l-gdida li telghet minflok fejn kien hemm ir-residenza l-antika. Illi kien ghalhekk ukoll li inharget multa ta' elf u hames mitt Euro (Euro1500) bl-applikazzjoni tal-artikolu 39 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 545.03, u dan apparti l-kontijiet li kienu ghadhom ma thalsux. Illi minn imkien ma hareg li fil-fatt kien sar xi trasferiment ta' dan il-meter u ghalhekk baqghet l-istess rikorrenti bhala responsabbli bhala werrieta ta' ommha.

Illi pero minn dak li qalet l-istess rikorrenti hija qatt ma ghamlet talba sabiex dan il-meter jigi trasferit minn maghha ghal terzi persuni. Illi ghalhekk dan il-fatt jibqa' juri li r-responsabilita' tal-konsumatur baqghet fuqha. Illi wkoll huwa cert li ma kienx hemm talba mis-sidien il-godda jew inkella mill-istess rikorrenti li jitnehha dan il-meter minn gewwa dan il-post fejn kien jinstab. Illi kien fl-istess responsabilita' tal-istess attrici li tara jekk fil-fatt kienx sar l-istess trasferiment specjalment meta din il-propjeta' giet

mibjugha fis-sena 2007. Illi ghalhekk din ir-responsabilita' tibqa' tippersisti sakemm issir it-trasferiment tal-istess meter. Illi ghalkemm huwa minnhu li hija ma baqghetx sid tal-post fejn kien jinstab dan il-meter, pero hija kellha tizgura li jsir it-trasferiment minn fuqha ghal fuq terza persuna u dan specjalment wara li sar il-bejgh.

**Decide**
Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi li tichad it-talba rikorrenti billi tiddikjara li t-talba maghmula bl-ittra ufficcjali numru 2992/2016 mibghuta lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd vs Concetta Avallone ghandha tigi esegwita bhala titolu esekuttiv.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Concetta Avallone inkluz dik tal-ittra ufficjali numru 2992/16 bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Novembru 2016 (data tal-Ittra Ufficjali) sal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**